**Laqgha Numru 27/K6/2011**

**Introduzzjoni**

Is-Seba' u Ghoxrin Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2011 li saret nhar l-Erbgha 16 ta' Novembru 2011.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli **(li wasal fil-5.53pm)**, il-Kunsilliera Lauro Fava **(li wasal fil-5.35pm)**, Evelyn Vella Brincat u Joe Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Ghal xi hin kien hemm il-prezenza tal-pubbliku.

Is-Sindku Joe Zammit qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie ppubblikat fid-9 ta' Novembru 2011. L-Agenda kienet:

**01. Approvazzjoni tal-Minuti 26/K6/2011.**

**02. Punti li johorgu mill-Minuti 26/K6/2011.**

**03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.**

**04. Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**

**05. Mistoqsijiet.**

**06. Korrispondenza.**

**07. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.**

**08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**

**09. Decizjoni dwar Tenders 05 sa 11/2011 u kwotazzjonijiet 26 sa 36/2011.**

**10. L-istat tal-Playing fields / gonna fil-lokal.**

**11. Approvazzjoni tal-kontijiet.**

**12. Materji ohra.**

## 01. Approvazzjoni tal-Minuti 26/K6/2011.

1.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti riferenza 26/K6/2011 kif ipprezentati.

1.02. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

1.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02. Punti li johorgu mill-Minuti 26/K6/2011.

2.01. B'riferenza ghall-**Minuti 26/K6/2011 item 2.01,** ghall-**Minuti 25/K6/2011 item 14.56** u ghall-korrispondenza numru **46/5558/11/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona biex il-Kunsill jaghmel leaflet lir-residenti dwar it-tibdil tar-rotta, is-Sindku Joe Zammit qal li dan is-suggett ser jigi diskuss aktar il-quddiem.

**46/6302/11/I** 25/10/2011 Email minghand Transport Malta fejn qed jindikaw li s-servizz bejn Pembroke u l-Belt ser ikun kull 12 il-minuta permezz tan-numru 13 kif ukoll li r-rotta ser tghaddi minn Triq il-Profs. Walter Ganado.

2.02 B'riferenza ghall-**Minuti 26/K6/2011 item 6.130** u ghall-korrispondenza numru **46/6302/11/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li l-Kunsill lest li jaccetta s-servizz kif ser jigi ntrodott izda l-Kunsill ghandu jibqa' jinsisti li r-rotta lejn il-Belt ghandha tkun abbazi tar-rotta l-antika 66, is-Sindku Joe Zammit qal li dan is-suggett ser jigi diskuss aktar il-quddiem.

***2.03 Il-Kunsillier Lauro Fava wasal fil-5.35pm.***

2.04 B'riferenza ghall-**Minuti 26/K6/2011 item 2.02,** ghall-**Minuti 25/K6/2011 item 14.78** u ghall-korrispondenza numru **46/5702/11/I** fejn il-Kunsillier Joe Brincat kien offra li jaghmel spezzjoni ta' dawn l-imwejjed u jitkellem mal-persuna li jaf huwa u wara kellu jinforma lura lill-Kunsill, il-Kunsillier Joe Brincat qal li ser jaghmel spezzjoni fil-jiem li gejja.

2.05 B'riferenza ghall-**Minuti 26/K6/2011 item 2.08** u ghall-**Minuti 25/K6/2011 item 18.17** fejn il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet ipproponiet li ghal zmien il-Milied il-Kunsill jorganizza zjara biex jaraw id-diversi presepji li jkun hawn f'Malta kif ukoll attivita' tal-Milied ghat-tfal, inkluz li hija flimkien mal-Vici Sindku kellhom jaraw meta l-ahjar gurnata biex issir din l-attivita' u jinfurmaw lis-Segretarju Ezekuttiv halli tinhareg ic-cirkulari, is-Sindku Joe Zammit qal li z-zmien jinsab qrib u ghalhekk il-Kunsill ghandu jiddeciedi dwar dan kemm jista' jkun malajr.

2.06 Dwar l-attivita' tat-tfal il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li din ghandha ssir nhar il-Hadd 18 ta' Dicembru 2011 fejn l-ewwel jittiehdu jisimghu Quddiesa u wara jaraw film l-Eden Cinema.

2.07 Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

2.08 Il-Kunsill qabel unanimament.

2.09 B'riferenza ghall-**Minuti 26/K6/2011 item 2.14** u ghall-**Minuti 25/K6/2011 item 18.30** fejn fuq proposta tal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli s-Sindku Joe Zammit kien ippropona li wara li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg jigbor l-informazzjoni ta' dawk ir-residenti kollha li matul iz-zmien talbu koncessjoni biex jindukraw art minghand il-Kunsill, huwa kien offra li huwa jimmarka l-pjanti ndikata, is-Sindku Joe Zammit qal li din il-pjanta ghad trid issir fil-gimghat li gejja.

**46/5993/11/I** 13/10/2011 Email minghand WasteServ fejn b'riferenza ghall-European week for waste reduction informaw lill-Kunsill li jistghu jorganizzaw kull tip t'attivita' u li fil-website taghhom hemm xi ideat.

2.10 B’riferenza ghall-**Minuti 26/K6/2011 item 6.48** u ghall-korrispondenza numru **46/5993/11/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien talab lill-Kunsilliera biex min ghandu x’ideat ghandu jghaddihom lis-Segretarju Ezekuttiv ghall-approvazzjoni tal-Kunsill, is-Sindku Joe Zammit qal li ma kien hemm ebda rispons mill-Kunsilliera kollha u ghalhekk il-Kunsill mhux ser jippartecipa.

**46/6057/11/I** 17/10/2011 — Email minghand il-Verdala International School fejn b'riferenza ghall-ittra li baghat il-Kunsill dwar zebra crossing fi Triq Cassino talbu ninfurmawhom bl-ispiza tax-xoghol u ninfurmawhom bil-hlas li ser ihallas il-Kunsill u l-ispejjez li jridu jhallsu Verdala.

2.11 ’riferenza ghall-**Minuti 26/K6/2011 item 6.66** u ghall-korrispondenza numru **46/6057/11/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien talab lis-Segretarju Ezekuttiv biex kif approva l-Kunsill fl-ahhar laqgha, jibghat kemm se jkunu l-ispejjez tal-parti tal-Verdala School ladarba l-Kunsill ikollu l-informazzjoni kollha necessarja, is-Sindku Joe Zammit qal li l-Kunsill qed jistenna stima dettaljata minghand il-kuntrattur tad-dawl tal-Kunsill Mica Med Ltd. wara li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ghamel spezzjoni mal-kuntrattur fis-siti kollha tal-lokal fil-jiem li ghaddew.

**46/6134/11/I** 18/10/2011 — Email minghand is-sur Lawrence Attard mill-FTZ fejn informa lill-Kunsill li b'riferenza ghall-progett MEDStrategy irid jigi organizzat workshop u talab biex issir laqgha mal-Kunsill biex tigi ffissata data u hin meta ser isir il-workshop, preferibilment ghall-ahhar ta’ Novembru.

**46/6262/11/I** 24/10/2011 — Email minghand Lisa Bonello tinforma lill-Kunsill li tixtieq tiltaqa’ mal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-progett.

2.12 B’riferenza ghall-**Minuti 26/K6/2011 item 6.86** u ghall-korrispondenza numri **46/6134/11/I u 46/6262/11/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona biex il-Kunsill immedjatament jaghmel dawn il-laqghat kif mitlub mis-sur Attard halli ssir din il-konferenza, is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jawtorizza lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg biex ikunu jistghu jingabru dawk l-istimi kollha necessarja li jkun hemm bzonn u li din il-konferenza ghandha tigi msejha ghall-bidu tas-sena 2012 u dan wara komunikat telefoniku li sar bejn is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg u s-sur Lawrence Attard.

2.13 Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

2.14 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6279/11/I** 25/10/2011 — Email minghand Ms. Natalie Camilleri tinforma lill-Kunsill li qed toffri s-servizzi taghha biex torganizza lezzjonijiet taz-Zumba ghall-prezz ta’ €25.00 ghal kull lezzjoni ta’ siegha bil-lezzjonijiet jistghu isiru nhar ta’ Hamis fid-9.15am u nhar ta’ Tlieta fis-6.30pm.

2.15 ’riferenza ghall-**Minuti 26/K6/2011 item 6.123** u ghall-korrispondenza numru **46/6279/11/I** fejn il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet ipproponiet li l-Kunsill japprova li jsiru dawn il-korsijiet minn Ms. Natalie Camilleri, kif ukoll li l-Kunsill jara jekk dawn il-lezzjonijiet jistghux isiru fil-Knisja, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li wara r-rispons negattiv tal-Knisja huwa kien baghat l-istess talba lill-Kap ta’ l-Iskola Primarja tal-lokal.

2.16 B’riferenza ghall-**Minuti 26/K6/2011 item 13.09** fejn il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet ipproponiet li jinxtraw basktijiet tax-xoqqa u flokkijiet bojod inkluz li

fuqhom issir l-arma tal-Kunsill, is-Sindku Joe Zammit qal li dan is-suggett ser jigi diskuss aktar il-quddiem.

2.17 B'riferenza ghall-**Minuti 26/K6/2011 item 13.16** fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li l-Kunsill, jekk huwa possibbli, jixtri dawn il-globi ta' Gnien Jum Pembroke direttament minghand l-impurtatur kif ukoll li tintalab kwotazzjoni ghat-twahhil taghhom, is-Sindku Joe Zammit qal li l-Kunsill ghadu qed jesplora x'joffri s-suq.

## 03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.

3.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill **Internal Memo 83/2011** b'rapport tal-laqgha li saret ma' Ms. Bonello minn Zum Co-op **(Ara Dok. A); Internal Memo 84/2011** b'rapport tal-ftuh ta' Tenders 05 sa 11/2011 u l-kwotazzjonijiet 26 sa 31/2011 **(Ara Dok. B); Internal Memo 85/2011** b'rapport tal-laqgha li saret mal-Korporazzjoni Enemalta u Pembroke Athleta Sports Club **(Ara Dok. C); Internal Memo 86/2011** b'rapport tal-laqgha li saret mal-Perit David Vassallo minn TM **(Ara Dok. D); Internal Memo 87/2011** b'rapport tal-laqgha li saret minn Victim Support Group **(Ara Dok. E); Internal Memo 88/2011** b'rapport tal-laqgha li saret mal-MEUSAC **(Ara Dok. F); Internal Memo 89/2011** b'rapport tal-ftuh tal-kwotazzjonijiet 33 sa 36/2011 **(Ara Dok. G); Internal Memo 90/2011** b'rapport t'azzjonijiet mehuda bejn laqgha 26/K6/2011 u 27/K6/2011 **(Ara Dok. H); Internal Memo 91/2011** b'rapport tal-laqghat li saru bejn il-laqgha 26/K6/2011 u 27/K6/2011 **(Ara Dok. I);** Flyer dwar Social Impact Assessment fuq Triq il-Kosta **(Ara Dok. J);** Diskussjoni minn Victim Support Malta **(Ara Dok. K)** u Open Day b'risq l-Annimali Abbandunati **(Ara Dok. L).**

## 04. Komunikazzjonijiet mis-Sindku u l-Kunsilliera.

4.01. Is-Sindku Joe Zammit irrefera lill-Kunsill ghat-tqeghied tad-dokumenti ndikati taht item 3. Il-kelliem informa lill-Kunsill li l-attivita' li saret nhar il-Hadd 13 ta' Novembru b'risq il-klieb kienet tajba hafna. Il-kelliem qal li huwa attenda filghodu mal-Kunsillier Vella Brincat mid-9:00am sa kwazi nofs inhar. Il-kelliem qal li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ghamlet il-gurnata kollha mal-membri ta' l-AAA sal-4.00pm. Is-Sindku qal li kien baghat SMS lill-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kif ukoll lill-Kunsillier Joe Brincat u lill-Kunsillier Lauro Fava rigward din l-attivita' fejn kemm il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kif ukoll il-Kunsillier Joe Brincat infurmawh li ma setghux jattendu minhabba li kienu xoghol. Il-kelliem qal li l-Kunsillier Lauro Fava kien ukoll infurmat b'SMS izda ma setax jattendi minhabba impenji familjari. Il-kelliem qal ukoll li f'xi hinijiet attendew ukoll is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg u l-iskrivana Kirsty Rizzo.

4.02. Is-Sindku Joe Zammit irringrazzja ghan-nom tal-Kunsill lill-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u lill-Kunsillier Joe Brincat talli rraprezentaw lill-Kunsill flimkien mas-sur Lawrence Attard fil-Progett MED STRATEGY.

4.03. Is-Sindku Joe Zammit irringrazzja ghan-nom tal-Kunsill lill-Kunsillier Evelyn Vella Brincat u lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg talli rraprezentaw lill-Kunsill fil-Progett ENVOY.

4.04. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l'issir press release b'dawn iz-zewg rapprezentazzjonijiet/progetti kif ukoll ta' l-attivita li saret b'risq l-AAA. Il-kelliem

ippropona wkoll li l-Kunsill jibda johrog press release ta' l-attivitajiet li jaghmel il-Kunsill.

4.05. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

4.06. Il-Kunsill qabel unanimament.

4.07. Is-Sindku Joe Zammit fin-nuqqas tal-prezenza tal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli, il-kelliem informa lill-Kunsill li skond ma dak li ntqal fil-media, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli m'ghadux jaghmel parti mill-Partit Laburista u ghalhekk m'ghadux jirraprezenta lill-PL.

***4.08. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli wasal fil-5.53pm.***

## 05. Mistoqsijiet.

5.01. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Joe Zammit ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 06. Korrispondenza.

6.01. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm esebiti l-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn is-27 ta' Ottubru u s-16 ta' Novembru 2011 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera.

**46/6304/11/I** 26/10/2011 Informaw lill-Kunsill bil-President's Charity Fun Run li ser issir il-Hadd 4 ta' Dicembru li tibda fl-10.00am b'risq il-Malta Community Chest Fund.

6.02. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6304/11/I** il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li tinhareg cirkulari b'din l-attivita' biex jinghaqad grupp mill-lokal ghal din l-attivita'.

6.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6309/11/I** 26/10/2011 Email minghand il-Mica Med Ltd. fejn baghtu kwotazzjoni ghall-provvista u nstallazzjoni ta' 5 energy saving floodlight li jammontaw ghall-€1,091.50 flimkien ma' brochure.

6.05. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6309/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona biex il-Kunsill ifittex sistemi ohra u jesplora x'hemm irhas fis-suq biex jiddawwal ahjar id-dawra tal-binja tal-Kunsill.

6.06. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.08. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli talab li jaghmel stqarrija.

6.09. Is-Sindku Joe Zammit ma sab ebda oggezzjoni ghal dan.

*6.10.* Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli pprezenta lill-Kunsill zewg ittri l'ircieva huwa d-dar **(Ara dok M u N)** u talab biex dak li kien ser jghid ghandu jitnizzel kollu fil-Minuti tal-laqgha kelma b'kelma. *"Jien illum qed niddikjara illi qieghed indipendenti fil-Kunsill Lokali ta' Pembroke, m'ghadniex nippartecipa f'isem il-Labour Party. Issa, jekk ma jimpurtax sur Segretarju ser naghmel ftit korrezzjoni, ircivejt zewg ittri minghand*

*Toni Abela, wahda minnhom tghid hekk – Ghamilt diversi tenntattivi biex naghmel kuntatt mieghek. Ma wegibt ebda telefon jew mobile. Meta pprovajt naqbdu mieghek is-Segretarjat tal-Partit ghidilhom li ma stajtx tkellimni ghax kont xoghol u kellek iccempel lura. Qatt ma smajt minghandek. Issa dan meta qed jghidli dan id-diskors jista' jahilfu s-Sindku, meta gieli cempilli s-Sindku u tista' jahilfu s-segretarja, il-clerks li ghandna hawn, fil-hin li cempel dan ghandi mid-9.00am jien sa 12.00pm no stop jien tkun l-ghar gurnata l-ghar hin tal-preperation tieghi, mela iccempilli s-segretarja, ghidtilha Henriette, ghidilha ma nistax inkelmek, qaltli imma Toni ghandu bzonn ikelmek, ghidtliha imma sorry Toni ghidlu jcempel darb'ohra jien qieghed fl-ghar hin, fl-ghar hin tax-xoghol bhalissa, regghet cemplitli, ghidtilha ma nistax inkelmu i'm sorry, u ma kellimtux. Issa, dik l-aktar wahda tad-dahq, din wahda minnhom li hi tad-dahq – Nista' nassigurak li l-Partit m'ghandu l-hsieb li jhalli s-sitwazzjoni fil-Kunsill ta' Pembroke tkompli tiggenera u l-Partit irid jassigura li kull fejn ghandu maggoranza, jiena qed nghid qed inwiegeb hawn kull fejn ghandu maggoranza, jiena qed nghid qed inwiegeb hawn, kul fejn ghandu maggoranza, issa dan qed nghid x'qal Toni, kull fejn ghandu maggoranza qed jipprova jkissirha u jgibha minoranza l-ewwel wiehed fil-Kunsill ta' Pembroke ghax nehha lili wara 30 sena fil-partit jigi jnehhi lili mela hawnhekk diga qed juri li jrid igibna minoranza ma jridx ihallihom maggoranza l-partiti taghna. La darba difficli biex naghmel kuntatt mieghek jien, qieghed nitolbok taghmel kuntatt mieghi inti. Jien ser inkun qieghed nistenna telefonata minghandek nhar it-Tlieta 13 ta' Settembru fuq dawn in-numri. Issa, jien bdejt incempel fuq dawn in-numri, dan in-numru huwa tal-headquarters, naqbaq l-inquiries li hemm hemmhekk, qabbadni ma' Toni Abela, iqabbadni ma' Toni Abela u dan Toni Abela ma jwiegeb qatt, l-ufficcju tieghu ma jwiegeb qatt, nerga' nghidha dardtejn, cempilt xi erba' darbiet u qalli mhux iwiegeb, fl-ahhar ghamilt tentattiv ghax meta kien baghtli, messagg fuq il-mobile u sibt, hawn hu, u sibt il-mobile number tieghu u cempilt lilu. Meta kellimni, nahseb Toni Abela kulhadd jafu min huwa midhla tal-Partit Laburista kulhadd jafu, u min ikun il-headquarters kulhadd jafu b'liema ton ikelmek u b'liema arroganza jkelmek, meta ghidtlu min jien, ghidtlu Mazzitelli, qalli ghandi bzonn inkelmek, ghidlu jien ma nistax nigi ghidlu jien qieghed inkun kuljum xoghol, ghidlu nahdem filghodu u nahdem filghaxija, qalli pero' jiena, qalli ghandi bzonn inkelmek jiena ma jinteressanix mix-xoghol tieghek, ghandi bzonn inkelmek, ghandi bzonn inkelmek, u jien kif qalli hekk l-ewwel tigi l-familja qabel kollox nahseb ili sentejn u nofs qieghed ghandi bzonn nibda nahdem ghall-familja, plus li dejjem hdimt ghall-Partit ghax li kieku ma hdimtx ghall-Partit, nghid ma hdimtx ghall-Partit, u, qalli, biex nigi issa, ghidlu nigi issa, ghidlu jien issa xoghol, kif nigi issa. Qalli trid taghmel mezz u , ghidtlu i'm sorry mhux ser nigi, ghidlu jiena mhux ser nitlaq mix-xoghol biex nigi, ghidlu ili li bdejt, ghildu ili li bdejt 4 xhur, ma tarax, nitlaq mix-xoghol biex nigi nkellem lilek, ma tarax, ix-xoghol jigi l-ewwel, f'daw il-kazi. Issa nghidilkom il-ghala ghax kieku dan il-bniedem ma kellimtu qatt nghid li ghandu ragun, imma dan il-bniedem norqod mieghu kien jonqosni mhux li nitkellmu, allright, insomma u qata' u qalli ser nibqa' nistennik, ghidlu jien mhux gej f'nofs il-lejl, ghidlu jien ma jidhirlix li jien nahdem mid-9.00am, ha nkun spiccajt fil-11.00pm, wara l-11.00pm ser nigi il-headquarters, zgur li le, zgur, insomma dik l-opinjoni tieghu, l-opinjoni tieghu. Jekk ma nismax minghandek ifisser li inti m'ghandekx interessat fina. Din l-ittra qieghda tintbghatlek bl-idejn fir-residenza tieghek. Ghalhekk ser inkun naf jekk waslitx ghandek. Dik hija l-ewwel ittra. Issa din hija l-aktar wahda tad-dahk, u llum min hawn qed nghidlu qabel nibda dan id-diskors, Ton, ghal gieh il-Partit, irrizenja mill-Partit, irrezenja Ton, ghax qieghed fl-Oppozizzjoni, u diga m'intiex tghid is-sewwa, ahseb u ara jekk tkun fil-*

*Gvern, x'ser taghmel, issa ha nwiegbek fuq din l-ittra Ton, wara kull tentattiv li ghamilt biex inkellmek izda kien kollu ghalxejn, wara li sahansitra f'okkazjoni tlabtek tigi tkellimni u anke bghatlek ittra bl-idejn id-dar, wara li dakinhar ghamilt sa nofs il-lejl nistennik, thankyou dak huwa xoghlok, ghax ghidtli li tispicca tard mix-xoghol, jigifieri hawnhekk qed tikkonferma li jien nispicca tard u ma jidhirlix li wara 12 il-siegha xoghol immur il-headquarters, allright xoghol, wara l'ilni nghidlek li l-agir tieghek fil-Kunsill u l-mod topera pero' ma jaqbilx ma' dak li jixtieq il-Partit u dan fl-interess tal-komunita' ta' Pembroke, issa hawn irrid inwiegeb, Ton, ghadek m'ghidtlix, jien, sallum, din l-ittra ili l-ircivejtha, ili l'ircivejtha mill-25 ta' Ottubru, sallum Ton ghadek m'ghidtlix lili jien x'ghamilt hazin fil-Kunsill, int lili qed tghidli mhux qed nopera tajjeb, fejn, meta ma qbiltx mas-Sindku? Meta ma qbiltx mal-Kunsillier Joe Brincat? Ghax kont qed inhoss li qed mixjin fit-triq il-hazina, u jien ma qbiltx maghhom, fit-triq il-hazina mhux korruzzjoni biex nifhtemu Ton ta, illi huma ghandhom idea u li l-idea tieghi ma kienetx taqbel maghhom, illi jien hassejt illi ghar-resident m'hijiex ta' gid, biex niccaraw l-affarijiet mhux naghmlu affarijiet ta' korruzzjoni, l-idea tieghi u l-idea taghhom ma kienetx l-istess, li fl-ahhar mill-ahhar, jien kelli ragun u min irid jista' jigi ghall-korrispondenza meta jien dejjem ivvutajt kontra s-Sindku u dejjem meta ivvutajt kontra l-Kunsillier Joe Brincat, illi jien dejjem kelli ragun,  issa ha nghidlek Ton, fejn jien qatt ma ltqajt mieghek u ridt tiltaqa' mieghi u jien qatt ma gejt. Insejt jew ghandek memorja qasira Ton, imma ha nfakkrek, u ghandi zewg hbieb hdejja hawn is-Sindku Joe Zammit u l-Kunsillier Joe Brincat, kemm il-laqgha gejt quddiemek Ton, kemm il-laqgha gejt il-headquarters, jekk mhux sejjer zball bhal llum sena, illum huwa, fakkruni ftit, Novembru, x'huwa llum 16 ta' Novembru, kwazi kwazi bhal llum sena jien kont quddiemek Ton, konna jiena l-Kunsillier Joe Brincat u Joe Zammit is-Sindku, u konna gejna ghal-laqgha mieghek Ton, fost ghaliex jiena ma kontx qed naqbel mas-Sindku iktar milli ma' Joe Brincat, ma kienetx qieghed naqbel mas-Sindku, zvogajna t-tnejn, kemm jiena u kemm is-Sindku, orejna l-opinjonijiet taghna, jien xorta bqajt nghid li jien ghandi ragun u s-Sindku jghid li ghandu ragun, dik hija d-demokrazzjoni li hawn gewwa l-part, pajjiz, mela hemmhekk diga iltqajna Ton, meta ltqajna, u jistghu jehilfuh kemm is-Sindku u kemm Joe Brincat, lilek ridt inkelmek, ghidtlek Ton imxi ha mmur inkelmek f'kamra wahdek u nitkellmu jien u int ghax l'irid nghidlek jien u int irrid nghidulek biss, jekk qed nigdeb, giddibni sur Sindku, ghidli m'ghandiex ghalfejn nigi nitkellem go kamra mieghek, xbajt immur go kmamar nitkellem ma' Kunsilliera, allright mela ma tridx tisma' x'irrid nghidlek u ma nghidlekx. Tibghat ghalija xi gimgha u nofs wara, kien, kien, gimgha qabel il-Milied ! Qed infalli granet Ton biex infakkrek pero' ghadni niftakarha sallum, gimgha qabel il-Milied, gimgha u jumejn, u gejt bit-tifla tieghi, ridt tkellimni, ghidtlek jiena nkun bit-tifla ghax il-mara tieghi tahdem jien ma nahdimx u nkun.. u int ghidli, heq m'hemmx x'taghmel ejja bit-tifla, u gejt bit-tifla, ara tiftakarx Ton, meta gejt bit-tifla, nahseb tiftakar, meta bdejt tgholli lehnek Ton, u t-tifla bdiet ittik bis-siq u ttik go zaqqek, nahseb tiftakarha Ton, dan qed nghidu taf il-ghala, ghax hawnhekk hawn ittra li qed tghidli l'inti ridt taghmel komunikazzjoni mieghi u jien qatt ma ltqajt mieghek, tad-dahq, jahasra dan il-pajjiz lil min ser itella', lil min ser jafda, u ikteb x'qed nghidlek sur Segretarju, jahasra dan il-pajjiz lil min ser jafda, illi qedin fl-oppozizzjoni u diga qedin nigdbu, le i'm sorry jien imwegga' Ev, jien imwegga', qieghed fl-oppozizzjoni u diga m'intiex tghid is-sewwa, diga m'intiex tghid is-sewwa. Nigi ghal-laqgha Ton, u ghadni niftakarha, poggejt, jien u t-tifla, u meta ghidtlek x'gara Ton, ghidli ma nafx kif ser naqbad nghidlek, ma nafx kif ser naqbad nghidlek ghidtli, ghidtlek Ton tibzax ghidli mhux hawn qieghed issa, l-ewwel kelma tieghek taf x'kienet, m'ghadux postok fil-Partit, dak kien l-akbar*

*xokk tieghi jien Ton, m'ghadux postok fil-Partit, ghidtlek ghaliex Ton, m'hemmx raguni ghaliex, m'hemmx raguni ! X'igifieri ghidtlek Ton, m'hemmx raguni ghaliex? Jigifieri int qed tkecci lili u ma tghidlix fuq xhiex? Ehe, bdejna, qisna qed naghmlu s-seba' kmandamenti, mela l-ewwel haga, ghax, iktar tappogja lin-Nazzjonalisti milli lil shabek. Ghidlu min ? Jien Ton? Ghidlu kieku n-Nazzjonalisti ma jafuniex, u l-Laburisti ma jafuniex, jien il-fejn nigbed, ghandek ragun, by the way, dawk huma Kunsilliera u jien irrid nahdem maghhom ghax jien fl-ahhar mill-ahhar ghal-lokal qieghed, u mhux ghall-Partit ghidlek, qalli nsomma m'hemmx raguni ghalxiex, la m'hemmx raguni ma' tistax, qalli, ghax qed titterrorizza lil shabek, ghidtlu min shabi mela shabi babies, shabi tfal zghar, ghidlu lil min lil Joe Brincat, mela Joe Brincat tifel zghir, jien nitterrorizzah, lil min lis-Sindku, ghidlu jien li ghandi nghidulhom dejjem ghidtulhom f'wicchom, qatt m'itterrorizzjathom, u qalli, u lill-ufficcju. Meta gejt l-ufficcju, kellimt lil Joe Brincat, go l-ufficcju taghna, ghidtlek ghidtlu Joe jien qed nitterrorizzak, qalli li qalli lili ma jitterrorizzani hadd, qalli titterrorizzani, ghidtlu meta jien ftahtlek ghajnejk mhux dejjem ftahtlek ghajnejk, qalli iva, qalli, ghidlu ghax Toni Abela qalli hekk hekk u hekk, qalli li jiena lest li mmur inkelmu u nara fejn qed itterorizzajtek u fejn qed nigdeb, ghidli giddieb Joe, konna f'dak l-ufficcju, sibt lis-Sindku, ghidlu Joe Jien qed nitterrorizzak? L-istess kliem qalli, qalli le! Qalli bil-glied kollu li kellna bejnietna, qalli pero', il-glied huwa genwin, tista' tehilfu inti sur Segretarju u ghadni niftakar x'ghidlek u ghadni niftakar x'ghidtli, ghedtlek sur Segretarju nixtieq nghidlek xi haga, jien qatt itterorizzajtek lilek? U hekk ha, u adni niftakar x'ghidtlek, ghidtli jien ma nibza' minn hadd, sewwa qed nghid Kev? Allright, ghidtli jien ma nibzax, meta mort inkellem lil Kirsty, ghidtilha Kirsty qatt itterorizzajtak lilek jien, qaltli le, ghidtilha Alison qatt itterorizzajtkom lilkom, qaluli, anzi Fred tghina hafna, ghax meta jkolna problema ncemplu lilek u dejjem ikkaverjajtna u dejjem l-id ix-xellugija taghna int, dan qed nghidu u tistghu tistaqsuhom lil dawn, mela dina ohra li mhux vera li qed jghid Toni Abela li jien itterorizzajt lil xi hadd min gol Kunsill. Qalli, ghax qed tigi nterrogat, qed nigi nterrogat mill-Pulizija, pero' din mhux ser nghidha llum Ton, ha nghidha aktar il-quddiem, u nghidlek ghalfejn kont nigi nterrogat mill-Pulizija Ton, qatt ma kien ikun it-tort tieghi meta kont nigi nterrogat mill-Pulizija, pero' mhux ser nghidilek illum, ha nghida aktar il-quddiem ghal xix kont nigi nterrogat mill-Pulizija, qatt ma kont interrogat ghax jien kont hati, pero' ha nieqaf hawn fuq din il-haga umbaghad nghidilek aktar il-quddiem, fl-ahhar mill-ahhar, dan il-bniedem ma sabx 'ghid ghaliex ried ikeccini, ghax jew ghax naqbel man-Nazzjonalisti, jew ghax nitterrorizza lill-shabi, jew ghax, jew ghax interrogat mill-Pulizija, iddeciedi Ton fuq x'hiex, m'hemmx raguni, din il-kelma, m'hemmx raguni, ghiduli tmorru inthom quddiem il-partit taghkom, inthom quddiem il-Partit taghkom, ghaliex ser tkeccini, m'hemmx raguni, bla sens! Ma nafx? Bla sens m'hemmx raguni, ghidtlu ma jimpurtax, qalli qed nitolbok titlob ir-rizenja, ghidtlu nitlob ir-rizenja? Ghidtlu mela inti lili vvutajtli, ghidtlu jien nirrezenja meta n-nies ma jtellawnix, u meta n-nies jghiduli rrizenja, jien nirrezenja. Jien qieghed hawn lejali ghall-lokalita' tieghi, mhux ghall-Partit tieghi, hrigt ghall-Partit tieghi, pero' jien l-ewwel ma jigu r-residenti bhal ma dejjem gew, ir-resident dejjem gie hawn, u jista' jahilfu kulhadd hawn, jien qattajt il-hin ilni 13 il-sena gol-Kunsill, qattajt maggoranza gol-Kunsill biex nghin lir-resident, no ma naghmilix x'jghidli l-Partit, l-ebda Partit, ma naghmilx x'ghidlu l-ebda Deputy Leader, jien naghmel x'jghiduli n-nies, il-Partit taf x'missu jaghmel, meta jsibni korrot, jien, meta jsibni korrott, iva jghidli rrizenja, anzi jien immur nistqarr l'iva jien korrott, imma m'inhiex, subghaja dritt daqs kemm hi dritt ix-xemgha. Qed nghidlek nerga' Ton, ghidli ghalfjen lili inti trid tnehhini mill-Partit, jew  nehhejtni mill-Partit Ton, wahda*

*biss jiddispjacini Ton, wahda biss, illi kellek tigi inti minn barra, ma nafx liema huwa l-Partit tieghek ghax fl-ahhar mill-ahhar ma nafx min huwa l-Partit tieghek, jekk huwiex il-Partit li ftaht ghal rasek jew il-Partit li qieghed fih issa, jiddispjacini nghidha, pero' din hija maghrufa ma' Malta kollha, illi meta ma qbiltx mal-Partit tieghu, tlaqtu lill-Partit, ili 23 sena fl-oppozizzjoni jien, u bqajt leali lejn il-Partit, bqajt gol-Partit jien, minkejja l-oppozizzjoni l'ilna fiha, biddilt 3 leaders jien u bqajt gol-Partit, m'ghamiltx bhalek Ton u tlaqt lill-Partit, by the way, ha naghmel bhal m'ghamilt int, ha nitlaq mill-Partit, pero' meta titlaq int jien nerga' lura, dament li tibqa' fil-Partit int jiddispjacini l-Partit m'huwiex tieghi, u qed nghidha kontra qalbi ghax kulhadd jaf jien x'jien, kulhadd jaf li jien Laburist, kulhadd jaf x'jien ghamilt ghall-Partit, kemm ghamilt iljieli gol-Partit, kemm hdimt ghall-Partit, pero', il-Partit tieghi huwa dan, meta jkollu bzonnok izieghel bik u meta jara li mhux jaqbel mieghek itik bis-sieq u jtajrek, jiddispjacini, nixtieq nistaqsi wkoll, ghandi ammirazzjoni kbira lejk sur leader, u nghidlek sur leader, anzi nghidlek aktar minn sur leader nghidlek habib tieghi Joseph Muscat, habib tieghi ghax jien u inti hbieb, nixtieq inkun naf, skuzawni jekk forsi qed naghmel omelija, pero' qed nipprova noqghod kalm, tibzawx qed nipprova noqghod kalm, qed nipprova noqghod kalm biex ma niffakjax, biex ma nizbaljax, l-ikbar dispjacir l-ghandi huwa wahda, Joseph, ghidli, ma jimpurtax hudu nofs siegha cans, inti leader, aktar milli inti leader, inti habib tieghi, u taf x'qed nghidlek Joseph, inti habib tieghi, li thoss int inhoss jien, u li nhoss jien thoss int, ahna ghandna l-istess demm ghandhna l-istess Partit, int bqajt mal-Partit kemm meta konna tellefin u kemm issa, u jien kont, u jien bhalek, nixtieq inkun naf leader, jekk bir-rizenja tieghi inti kontx taf, qabadx u faqqaha wahdu, hekk, li lili, qed nghidlek taf il-ghala, mhux jien l-ewwel Kunsillier li gralu hekk, u mhux jien l-ewwel Kunsill, ghaliex? Jiddispjacini, Toni Abela ma jemminx fil-Kunsilli, ma jemminx fil-kunsilli Leader, warbu minn hemm, ma nistghux nibqghu nitilfu n-nies tal-fiducja tal-Partit propja, ma nistghux, taf x'jien jien, taf kemm hdimt ghall-partit, ma nistghux nibqghu nitilfu, ghaliex, ghax gie bniedem hekk, u qed jghid li jiena m'hiex nikkunsidra mieghu jew li jien mhux naqbel ghal ma shabi, ejja fil-Kunsill, itlob il-Minuti tal-laqghat u ara ghandiex ragun, jien meta ma qbiltx ma shabi, genwinament ta, xejn korruzzjoni, shabi jghidu vit u jien nghid skorfina, pero' jien inhoss li meta jien nghid skorfina kelli ragun, issa, iggudika int, ejja igbor il-Minuti ta' kull laqgha huma pubblici u tista', tajtek ukoll Minuti Ton, ma ridtx taghti kazhom, tajtek pavaljun ta' karti, pavaljun ta' ittri, ma tridx taghti kazhom, mela mhux jien ma rridx nisimghek Ton, forsi hemm xi haga wara, tridu tnehhuni, le, leader jien warajk, int il-leader tieghi jien warajk, meta kien hemm Alfred Sant, jien wara Alfred Sant, meta kien hemm Karmenu jien wara Karmenu, jien wara l-leader tieghi dejjem, hu min hu l-leader tieghi, min jaf! Forsi ghax kont nappogja lil Alfred Sant, u xi hadd ma kienx jappogjah, fl-ahhar mill-ahhar tlaqt minn gewwa l-headquarters illi ghandu jibghatli ittra biex jien nirrezenja. In the mean time gejt hawn, bid-dmugh f'ghajneja, allright, nitlob lis-Sindku xi grali, u lill-Kunsillier Joe Brincat xi grali. Is-Sindku bhal dejjem, dejjem appogjani, Joe Brincat dejjem appogjani, li qed nghid m'hemm xejn personali, li qed nghid huwa, il-fatti, huma li huma, allright, kif ghidtilhom xi grali u ma gralix, is-Sindku fil-pront qalli le, il-glied li hemm bejnietna m'ghandhux ghalfejn jidhol il-Partit fiha, u m'ghandux ghalfejn jiehu dik l-action, lesti li namlulu ittra, is-Sindku ghamel ittra lilek Ton, u taf li ghamillek ittra, u ghandi d-dar Ton din l-ittra, jigifieri jekk tghidli mhux veru, qeda ghandi din l-ittra, iffirmata mill-Kunsillier Joe Brincat u mis-Sindku, u tawilek. Wara li kissirtli Milied, ghamilt Milied imkisser, l-ewwel sena mkissra, u mfarka, baghat ghalija gimgha wara l-Milied u tigi tghidli prosit Mazzitelli ibqa' miexi hekk, ibqa' sejjer hekk, proset kemm fahruk shabek,*

*mur. Taf x'int tghid Ton, please, taf x'int taghmel, u rigal, ghax ghadni niftakarha Ton, taghjtni rigal dakinhar, taghjtni l-badge ta' l-arma tal-Partit Ton, please iddeciedi, tridni, ma tridnix, m'ghandekx grazzja mieghi, hu pacenzja, baqali sena u nofs ohra fil-Kunsill, u, ha jkunu jafu l-lokalita', u ha nerga' nohrog ghall-Kunsill, u ha nerga' nohrog indipendenti, ghal rasi, ghax jien il-lokal inhobbu u nahdem ghalih, issa ha nkompli naqra l-bicca l-ohra. Qieghed ngharrfek li l-Partit Laburista ma ghandux jikkonsidrak bhala li tirraprezentah fil-Kunsill ta' Pembroke. Naf, ilek biex tghidili Ton, sena ilu, li m'ghadniex nirraprezenta lill-Partit. Ghalhekk qieghed tkun mitlub sabiex tiddikjara dan fl-ewwel laqgha tal-Kunsill li jmiss. U illum qed niddikjara illi jiena m'ghadniex fil-Kunsill Lokali ta' Pembroke f'isem il-Partit Laburista. Issa ha nfakrek ukoll Ton ghax nahseb illi l-Minuti zgur gabuhomlok u zgur rajthom, din l-istqarrija ghamilha xahar u nofs ilu jien, illi jien ser nirrizenja mill-Partit, illum taf x'ser nghidlek Ton, bhal ma qallek dak il-Kunsillier tal-Mosta, allerwieh, allerwieh, m'hiniex ser nibqa' nigi tterrorizzat iktar minnek Ton, allerwieh, ghall-inqas ser nibda mmur norqod fuq l-imhadda misrtieh, Ton. U illum qed nghid lir-residenti ta' Pembroke, intkom tellajtuni, intkom tajtuni l-fiducja, jien taghkom, intom tridu tnizluni minn hawn biss, jien ghadni Kunsillier, Vici Sindku u ha nibqa' sakemm tasal l-elezzjoni, jekk ma jinqala' xejn alla jehodni, nirringrazzjakom. Il-kelliem qal li ser ikompli bl-istqarrija tieghu fil-laqgha li jmiss".*

6.11. Is-Sindku Joe Zammit qal li dik kienet dikjarazzjoni tal-Vici Sindku fuq dawk l-affarijiet li graw dan l-ahhar.

| | |
|---|---|
| **46/6312/11/I**<br>26/10/2011 | Memo 105/2011 mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali - Konferenza Building Together Sustainable Localities li ser issir fis-27 u 28 ta' Novembru 2011. |

6.12. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6312/11/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

| | |
|---|---|
| **46/6327/11/I**<br>27/10/2011 | Kwotazzjoni ghal 3 concrete jerseys ghall-prezz ta' €100 ghat-trasport, €100 ghall-gbir u 0.25c ghall-kiri kull gurnata minghand il-J&K Contractors Ltd. |

6.13. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6327/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona biex il-Kunsill japprova din in-nefqa li saret biex inghalaq l-access bejn Triq Dun Guzepp Farrugia u Triq Patri Serafin Zarb.

6.14. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.15. Il-Kunsill qabel unanimament.

| | |
|---|---|
| **46/6346/11/I**<br>27/10/2011 | Email mill-Parks Unit fejn b'riferenza ghall-mixtla nformaw lill-Kunsill li idejalment jkun hemm koordinament ma' l-iskola sabiex it-tfal jaraw kemm u facli tkabbar sigra u li huma lesti li jaghtu l-konteNituri li jilqghu fihom numru ta' qsari, compost u zerriegha. |

6.16. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6346/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona biex il-Kunsill jaghmel laqgha mad-dirigenti ta' l-iskola nkluz li l-Kunsill ghandu jiehu sehem shih f'din l-inizjattiva.

6.17. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.18. Il-Kunsill qabel unanimament.

| | |
|---|---|
| **46/6359/11/I**<br>28/10/2011 | Ittra minghand Transport Malta fejn talbu lill-Kunsill jivverifika x-xoghlijiet hemm pendenti minn Transport Malta u sabiex dawn jintbaghtu fi zmien 14 |

il-gurnata mid-data ta' l-ittra.

6.19. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6359/11/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-kazijiet pendenti qed jigu vverifikati.

**46/6361/11/I** 28/10/2011 Ittra mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn b'riferenza ghall-memo 60/2011 - Skema egov4u ghall-Kunsili Lokali nfurmaw lill-Kunsill li l-applikazzjoni tal-Kunsill ma ntghazlitx.

6.20. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6361/11/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

6.21. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill jorganizza korsijiet tal-kompjuters fil-Kunsill, issa ladarba l-Kunsill ghandu numru ta' kompjuters disponibbli.

6.22. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.23. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.24. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ghandu jara xi spejjez hemm bzonn biex jithaddmu l-kompjuters li l-Kunsill ircieva minghand l-MCA.

6.25. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ssekondat.

6.26. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6366/11/I** 28/10/2011 Kopja ta' email li l-YWCA baghtu lis-sur Charles Camilleri mill-Ministeru ghar-Rizorsi u l-Affariijet Rurali fejn talbu li ssir laqgha mieghu u mal-Kunsill rigward xi sigar li kienu nzerghu f'Pembroke.

6.27. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6366/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona biex il-Kunsill jaghmel din il-laqgha.

6.28. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.29. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6677/11/I** 09/11/2011 Email minghand Transport Malta fejn b'riferenza ghall-ittra tal-Kunsill rigward ir-residential parking scheme nformat lill-Kunsill li trid timtela formola b'certu dettalji.

**46/6420/11/I** 28/10/2011 Email minn Transport Malta fejn baghtu termini ta' riferenza ghall-residential parking scheme ghar-residenti li joqghdu fejn il-Park and Ride.

